

# Skjavi, Devozzjoni u Fidwa

kitba ta' Guido Lanfranco

Għal mijiet ta' snin, sas-seklu tmintax, fl-Ewropa kien hawn is-sistema ta' l-iskjavi u n-negozju fihom. Kienet sistema mifruxa fid-dinja kollha u meqjusa bħala aspett normali u legali tal-ħajja li jinqabdu, jinxtraw, jinżammu, jinbiegħu, jitpartu jew jinfdew l-iskjavi. Malta kienet midħla sewwa ta' dan kollu, u skjavi kien hawn minn kull kategorija, ġeneralment Misilmin. Imma bħalma kien hawn skjavi Misilmin f'artna maqbudin mill-Ordni ta' San Ġwann u mill-kursari Maltin, mibjugħin jew miżmumin jaħdmu f'xogħolijiet ta' l-Ordni, tal-knisja u fi djar privati, hekk ukoll kien hemm bosta Maltin miżmumin skjavi mill-Misilmin.

## San Leonardu Malta

Diversi pajjiżi fl-Ewropa kellhom qaddisin protetturi jew patruni biex jitolbuhom l-għajnuna fil-jasar. Xi artijiet kellhom lil San Leonardu, lil Santu Rokku (li kien ukoll protettur fil-pesta), u lil San Franġisk ta' Pawla. Imma f'Malta żammew lil San Leonardo li f'xi artijiet mhux biss addottawh biex isabbar l-ilsiera imma wkoll bħala patrun ta' min jaħdem il-ktajjen, serraturi u katnazzi, kollha jfakkru fil-jasar. Bħala leġġenda nsemmu li fl-inħawi tar-Rabat jgħidu li San Leonardu kien ġie Malta u għex bħala eremita f'għar ċkejkna fix-Xagħra tar-Rabat li tagħmel ma' Wied Liemu u li wara bdiet tissejjaħ San Anard minħabba l-għar li kienet isservi ta' knisja qabel ma waslu l-Karmelitani fil-kunvent u knisja ta' l-Annunzjata. F'din l-għar hemm xi affreski antiki u altar ċkejken, kif ukoll statwa żgħira.

Minbarra l-parroċċa ta' San Anard ta' Ħal Kirkop, fil-limiti ta' Ħaż-Żabbar hemm knisja ta' San Anard mal-villa tal-fundatur tagħha Leonardu Sammut, kjeriku mill-Birgu. Fil-Mosta hemm knisja ta' San Anard li nbniet fl-1658 minn Bernarda Mangion. Il-viżitatur u delegat appostoliku Pietro Dusina, fiż-żjara tiegħu f'Malta fl-1575, kien ra l-knejjes ta' San Leonardu fin-Naxxar, Mosta, Birkirkara, Żurrieq, Kirkop, Bubaqra, Birmiftuħ u waħda f'Għawdex. Sal-1780 jissemmew ta' Ħal Kirkop, Birkirkara, Żurrieq (li wara spiċċat), Mosta, Żabbar u Balzan (li wkoll spiċċat).

## Maħtufin minn Malta u Għawdex

Is-sena 1551 hija magħrufa sewwa mill-Għawdxin għax fuqha kienu niżlu jattakkaw, jisirqu, jaħtfu, xi 25,000 Mislem taħt Sinam Baxa u Dragut, u tista' tgħid li l-popolazzjoni kollha ta' dak iż-żmien inqabdet għall-jasar u kaxkru 'l kulħadd lejn Tunes. Il-kappillan tal-knisja matriċi taċ-ċittadella, Dun Nikol Castelletti u l-ieħor ta' San Ġorġ, Dun Lawrenz de Apapis ġarrewhom ukoll. Fl-1553 Castelletti miet imjassar f'Tunes u Apapis ġie mifdi u mar lura Għawdex. Minn Malta ta' sikwit kienu jinħatfu familji u individwi għax il-furbani u t-Torok kienu jinżlu kull

meta jridu għax ix-xtajtiet kienu deżerti u t-torrijiet kienu għadhom ma nbnewx kollha u l-għassiesa ma kinux dejjem fuq il-post. Għandna diversi leġġendi fejn jidħol il-ħtif ta' nies, bħalma għandna ta' l-għarusa tal-Mosta, ta' Wied Speranza, ta' San Dimitri u oħrajn. Il-Maltin maqbudin skjavi, jekk kienu minn familji li jistgħu jħallsu, kienu jistgħu jinfdew wara xi żmien, imma dawk li ma kellhom lil ħadd kienu jibqgħu fil-jasar ħajjithom kollha. Bosta għebu u ħadd qatt ma sema' bihom aktar.

## Skjavi man-Nies

Il-familji li kienu tat-tajjeb, nobbli jew sinjuri oħrajn kien ikollhom l-iskjavi fid-dar u jittrattawhom tajjeb daqs li kieku kienu membri tal-familja. Insemmu ftit ħafna eżempji minn dawn. Il-familja ta' l-ewwel kappillan tan-Naxxar kellha familja sħiħa ta' skavi suwed tgħix magħhom, bil-missier, l-omm u t-tfal li komplew jitwieldu għandhom. Minflok ibiegħuhom lil ħaddieħor, liż-żejda li jitwieldu għandhom kienu jgħadduhom lill-qraba oħrajn biex bħala att ta' karità ma jisseparawhomx minn xulxin. Kien hemm kavallieri li kellhom skjavi privati tagħhom. Uħud kienu jeħduhom il-knisja magħhom, kemm biex jiffanfarrunaw bihom, kif ukoll biex jaqduhom fil-knisja. Imma billi l-iskjavi kienu Misilmin l-inkwiżitur kien spiss iwissi biex ma jdaħħluhomx fil-knisja magħhom. Ukoll f'xi kunventi kont issib l-iskjavi , bħalma jissemmew koki f'dawk tad-Dumnikani fis-seklu sbatax. Fl-istess żmien, fil-kunvent ta' San Pietru tas-sorijiet Benedittini ta' L-Imdina kienu daħħlu u ħallsu skjava sewda biex tieħu ħsieb taħsel lil waħda soru marida.

## Il-Papa u l-Gran Mastru

Kemm il-Papa, kif ukoll il-Gran Mastru kellhom għadd ġmielu ta' skjavi bħalma kellhom is-sinjuri kollha, u milli jidher ma kienx jgħaddilhom minn moħħhom li qed jaħqru u jbaxxu d-dinjità tal-bniedem, għax dak kien l-ambjent prevalenti fi żmienhom. Bartolomeo Del Pozzo li kiteb l-istorja ta' L-Ordni qal li fl-1595 il-Papa Klement VIII kien offra rigal ta' mitt skjav lill-Ordni. Il-Gran Mastru offra elf xkubetta biex tista' tużahom l-armata ta' l-istess Papa kontra l-Ungerija. Fl-1723 L-Ordni u t-Torok kienu qed jiftehemu li jpartu xi skjavi u biex jagħmlu armistizju għal xi żmien. Billi l-Ordni ma kienux jafdaw lit-Torok li jżommu kelmthom, kien hemm ħafna negozjati li nvolvew ukoll lill-Papa u lill-Inkwiżitur. Il-Gran Mastru Vilhena għamel rigal ta' 50 skjav lill-Papa Innoċent XIII għall-kooperazzjoni tiegħu. Fl-1748, l-iskjavi Nsara ta' fuq galera Torka, fosthom għadd ġmielu ta' lsiera Maltin, qajmu rewwixta, ħatfuha taħt idejhom u ġabuha lejn Malta. Fuqha kien hemm priġunier il-Baxa ta' Rodi. F'Malta Pintu tah il-libertà, imma dan baqa' għal ftit u fl-1749 ippjana rewwixta mill-iskjavi ta' L-Ordni kontra l-Gran Mastru. Imma dan il-pjan induna bih u kixfu wieħed Lhudi Giuseppe Cohen li mar jgħid lil Pinto. L-iskjavi ngħataw torturi u nqatlu bosta minnhom fil-pubbliku filwaqt li Cohen ġie ppremjat. Il-Gran Mastru Verdala, meta wasal biex imut għamel it-testment u ħalla 200 skjavi lill-Ordni, u ħeles l-iskjavi mgħammda li kellu, ħlief waħda Katarina li għaddiha lill-familjari tiegħu.

## Devozzjoni

L-iskjavi kellhom ħafna regolamenti jikkontrollawhom imma kellhom ukoll xi libertajiet devozzjonali skond ir-reliġjon tagħhom. Fil-Birgu l-iskjavi kellhom għerien imħaffra fil-blat iservu ta' ħabs qrib il-foss ta' Sant' Anġlu, imma biż-żmien dawn sparixxew. Fis-seklu XVII kien hemm il-Kongregazzjoni tal-Galeri fil-Birgu li kienet tinkludi l-ilsiera Nsara mgħammdin; dawn kienu jakkumpanjaw fil-proċessjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa tal-Birgu li kienet issir nhar l-

Erbgħa, bil-ktajjen ma' saqajhom. L-iskjavi meħlusa jidher li kienu wkoll jakkumpanjaw bil-ktajjen, imma bħala wegħda ta' ringrazzjament għall-ħelsien. Fil-Birgu l-Kongregazzjoni ta' l-Iskjavi kellhom ukoll devozzjoni lejn San Kaloġero għand id-Dumnikani. Dan il-qaddis kienu jgħidulu "Tas-Suwed" għax kellu devozzjoni lejh mill-ilsiera suwed mgħammdin. Fil-kappella ta' Kastilja u l-Portugall li hemm fil-knisja ta' San Ġwann il-Belt hemm niċċa tal-Madonna Għajnuna ta' L-Insara. Jingħad li ġabuha magħhom xi skjavi minn Konstantinopli meta fl-1760 ħatfu taħt idejhom galera Torka u ġabuha lejn Malta għax ħassew li din il-Madonna salvathom. Sa mill-1571 il-Papa wkoll kien iddeċieda li l-Madonna taħt dan l-isem (auxilium christianorum) kienet li tat ir-rebħa lill-Insara fil-battalja ta' Lepanto kontra t-Torok.

## Monte Della Redenzione Degli Schiavi

Fl-1606 il-Gran Mastru Alof de Wignacourt kien qed jisma' priedka fil-knisja ta' San Ġwann il-Belt minn Patri Rafel Camilleri Kapuċċin li darba kien skjav. Dan tkellem dwar għajnuna lill-ilsiera. Għalkemm l-Ordni ta' San Ġwann stess kienet tinnegozja u taħtaf skjavi Misilmin, fl-1607 Wignacourt waqqaf il-"Monte della Redenzione degli Schiavi" biex jinfdew skjavi Nsara minn idejn il-Mislem (Monte tfisser fond ta' flus, f'dan il-każ biex bihom jistgħu jifdu l-iskavi nsara). Fl-istess sena d-Dumnikani kienu ftehemu mal-Gran Mastru biex huma wkoll jikkoperaw għall-ħelsien ta' lsiera Dumnikani, u fl-1684, benefattur Messia Figħera waqqaf fond huwa stess għall-fidwa ta' Dumnikani miżmumin fil-jasar. Caterina Vitale, mara nobbli u sinjura fl-1619 ħalliet ġidha kollu lil dan il-Monte, inklużi l-artijiet ta' Selmun u l-Gżejjer ta' San Pawl. Fl-1657 De Redin kien bena hemm wieħed mit-torrijiet tiegħu, imma kien tfarrak ft-terremot u minfloku nbena l-kastell li naraw issa li fih kellu kappella bi tpinġija ta' Favray li turi l-Madonna bħala tar-Redenzjoni ta' l-iskjavi inkluża l-figuri tal-benefattriċi Vitale u ta' Malta. Meta l-kappella ngħalqet fis-snin 70 tas-seklu 20, inbniet knisja tal-Ħniena (jew tar-redenzjoni ta' l-iskjavi), u l-inkwadru tqiegħed fiha. Il-Monte di Redenzione fl-1787 kien amalgamat mall-Monte di Pietà li kien twaqqaf biex jgħin lill-foqra jisselfu flus b'ragħan.

## Fidwa Oħra

Minbarra l-Monte della Redenzione f'Malta kellna wkoll fratellanzi jaħdmu għall-istess għanijiet. Fl-Isla twaqqfet il-Fratellanza tas-S. Trinità fl-1625 bl-iskop prinċipali l-ħelsien ta' l-iskjavi. Fl-Ewropa, f'xi artijiet kien hemm il-Fratellanza assoċjata ma' l-Ordni tat-Trinitarji, għamla ta' Terz' Ordni, għall-fidwa ta' priġunieri u skjavi, u kienu jilbsu libsa jew skapular abjad bis-salib blu u aħmar kif għadhom jilbsu għall-proċessjoni tal-Bambina. Fl-Isla wkoll madwar l-1810 kienet twaqqfet il-Fratellanza tal-Madonna tal-Katina għall-għajnuna ta' priġunieri. Fil-Qrendi hemm il-knisja tal-Madonna tal-Ħniena u t-titular juri tliet figuri, fosthom lir-Re ta' Aragona Jaime Primero li kien waqqaf f'pajjiżu kongregazzjoni għall-fidwa ta' l-ilsiera (De Mercede Redemptionis Captivorum). Il-Madonna tal-Ħniena fl-Ewropa kienet konoxxuta mill-Papa Innoċent IV u kienet tikkopera ma' l-Ordni tal-Madonna għall-fidwa ta' priġunieri u skjavi miżmuma minn potenzi mhux Insara. Fil-knisja parrokkjali ta' San Pawl tal-Belt fl-1631 twaqqfet il-Fratellanza tal-Karita li kienet taħdem biex tifdi l-iskjavi, mill-anqas wieħed kull sena, u tqassam ħobż lill-priġunieri ċivili.

Il-jasar f'Malta spiċċa ħesrem fis-16 ta' Ġunju 1798. Il-miġja ta' Napuljun serviet ta' deni għall-Ordni ta' San Ġwann u oħrajn, imma kellha t-tajjeb tagħha fejn jidħlu l-iskjavi. Dakinhar Napuljun ordna li l-iskjavi kollha jinħelsu imma 525 Torok żammhom bħala priġunieri tal-gwerra, sakemm isiru arranġamenti biex jinbidlu ma' dawk kollha Maltin u Franċiżi miżmumin fit-Turkija.